MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 527/2014

**B A**

**versus**

**B C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

1. Premess illi il-kontendenti partijiet konjuġi B kienu ingħaqdu fiż-żwieġ fil-parroċċa ta' San Ġiljan ġewwa Malta nhar l-erbatax ta' Awwissu, elf disa' mija sitta u sebgħin (14.08.1976) u cioè tmienja u tletin (38) sena ilu. Illi id-dettalji ta' dan iż-żwieġ bejn A B u C F jinsabu mehmużin fir-RABA' (4) PARTI ta' din il-kawża taħt is-sub-titolu IV - ELENKU TA' DOKUMENTI, u cioè Dokument AS1.

2. Premess illi mir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom, il-konjuġi B ma kellhomx tfal u għaldaqstant is-subinċiż (ċ) tal-Artiklu 66B tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta mhux applikabbli fejn jidħlu wild, u anqas fil-każ odjern fir-rigward ta' bejn il-miżżewġin infushom inkwantu jirrigwardaw ir-referenza għall-manteniment adekwat.

3. Premess illi r-relazzjonijiet matrimonjali ta' bejn il-konjuġi B ma kinux snin feliċi u għaldaqstant eventwalment u wara li saru il-proċeduri legali idoneji, nhar id-disgħa ta' Jannar, tas-sena elfejn u wieħed (09.01.2001), in Atti Nutar Dott. John Gambin, bl-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorità kompetenti ippreseduta dak iż-żmien mill-Ono. Imħallef J.D. Camilleri, il-konjuġi A B u C B infirdu legalment permezz ta' kuntratt li kopja legali u awtentikata tiegħu qiegħda tiġi hawn mehmuża fir-Raba' (4) Taqsima ta' din il-Kawża, u indikat bħala Dokument AS2.

4. Premess illi mill-Kuntratt esebit jirriżulta manifestament illi miż-żwieġ tagħhom, il-partijiet konjuġi kontendenti ma kellhomx tfal, kif ukoll li iż-żewġ partijiet għal raġunijiet indikati fil-Kuntratt (ara Artiklu 4 tal-Kuntratt) irrinunzjaw reċiprokament għall-jedd ta' manteniment minn xulxin, filwaqt illi permezz ta' Artiklu 5 ta' l-istess kuntratt, il-kontendenti konjuġi tterminaw il-Komunjoni ta' l-Akkwisti eżistenti bejniethom b'effett mid-disa' ta' Jannar, elfejn u wieħed (09.01.2001).

5. Premess illi jirriżulta ċar a bażi ta' Artiklu 66B tal-Kodiċi Ċivili illi il-partijiet kontendenti ilhom ma jgħixux flimkien bħala miżżewġin għal perijodu ta' kważi erbatax (14) –il sena, li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin (infatti illum iż-żewġ naħat għandhom il-ħajja indipendenti u libera tagħhom), u kif diġa intqal hemm ir-rinunzja għad-dritt ta' manteniment bejn il-miżżewġin, u ma kien hemm ebda tfal f'dan iż-żwieġ.

6. Premess illi, għaldaqstant, ġew sodisfatti il-kundizzjonijiet kollha biex jingħata id-divorzju fl-inkwadratura ta' l-Artikolu 66B tal-Kodiċi

Ċivili, u a bażi taż-żewġ dokumenti debitament awtentikati mehmużin għall-informazzjoni tal-Qorti fir-Raba’ (4) Taqsima tal-kawża odjerna.

7. Talab li l-intimata tghid ghaliex din l-Qorti, m’ghandhiex :

## II. TALBIET ATTRIĊI

(a) Iż-żwieġ li kien seħħ bejn il-kontendenti konjuġi B fil-Parroċċa ta’ San Ġiljan nhar l-erbatax ta’ Awwissu, elf disa’ mija, sitta u sebgħin (14.08.1976), irreġistrat nhar is-sittax ta’ Awwissu, elf disa’ mija, sitta u sebgħin (16.08.1976), Numru ta’ l-Iskrizzjoni 1725, Dokument AS1 fir-Raba’ (4) Taqsima ta’ din il-kawża għandu jinħall u jiġi dikjarat id-divorzju bejn il-partijiet kontendenti, u dana a bażi ta’ Artikolu 66A tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

(b) Illi il-Vot tal-Liġi kif imfisser fl-Artiklu 66B tal-Kodiċi Ċivili huwa pjenament sodisfatt sia kwantu għat-tlett (3) subinċiżi (a), (b), (ċ) ta’ l-istess Artiklu u għaldaqstant għandu jiġi ppronunzjat id-divorzju bejn dawn il-persuni miżżewġin imma legalment mifrudin kif indikat permezz tad-Dokument anness AS2 fir-Raba’ (4) Taqsima tal-kawża odjerna.

(c) Għandu jkun applikat is-Sub Artiklu (4) ta’ l-Artiklu 66A fejn l-Onorabbli Qorti għandha fis-sentenza tad-divorzju tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għaldaqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

(d) L-Onorabbli Qorti għandha tagħti dawk il-provvedimenti kollha opportuni li jidrilha xierqa u ġusti a bażi ta’ dak li tgħid il-liġi fid-dawl ta’ Artikoli 66Ċ, 66D u l-Artikoli in ġenerali li jirregolaw il-ħall taż-żwieġ a bażi tas-Sub Titolu IV tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

8. Illi l-ispejjeż ġudizzjarji u ekstra ġudizzjarji abbinati ma’ dawn il-proċeduri għandhom ikunu a karigu rispettiva ta’ kull naħa

*considerando* il-fatti kif ġew imfissra u kkonfermati bil-Ġurament mir-Rikorrenti Attur A B ID Nr. 139755M.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta’ Dicembru, 2014;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma wiegbitx u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’Jannar, 2001;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------